# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 8 | 26 | 4 | 6 | 6 | 14 | 16 | 20 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# B'daqshekk x'ġara?




Beethoven kien nieqes mis-smigħ. Louis Braille kien nieqes mid-dawl u bosta nies kbar u magħrufa batew għaliex kellhom xi forma ta' diżabilita`, b'danakollu d-dinja għadha tiftakarhom u tħobbhom. Tafu għaliex? Għax ħabbew lilhom infushom u lill-oħrajn. (*par. 1*)

Inti jista' ma jkollokx saħħtek, ma jkollokx it-tul li tixtieq, figurtek mhix dik li togħġbok... B'daqshekk x'ġara? M'hemm ebda raġuni għaliex għandek tinkwieta, tikkundanna u tobgħod lilek innifsek. (*par. 2*)

B'dak li int u kif int xorta tista' tkun persuna tajba, persuna utli, persuna li taf tħobb, persuna rispettabbli. Il-kontribut tiegħek jista' jkun akbar minn ta' dik il-persuna li tbigħ is-saħħa, minn ta' dik il-persuna sabiħa u sinjura. (*par. 3*)

Li kieku Braille u Beethoven kienu jobogħdu lilhom infushom minħabba d-diżabilita` li kellhom, kieku qatt ma kienu jsiru dak li saru, qatt ma kienu jħaddmu t-talenti li kellhom għall-ġid ta' l-umanita`. (*par. 4*)

Jekk tixtieq tagħmel xi ħaġa tajba f'ħajtek u tkun kuntent/a, aċċetta lilek innifsek kif int. Tippruvax timita lil xi ħadd ieħor għaliex dak ma tkunx int. Ħares lejn is-sabiħ tal-ħajja u lejn dak li hu pożittiv. (*par. 5*)

Marcelle H. Alexander kiteb hekk: "Kien hemm żmien meta l-fidi tiegħi bdiet tmajna, meta tlift kull ma kelli nitlef. Tlift ix-xogħol u dari. Ma kellix saqaf fuq rasi, lanqas familja, lanqas flus biex nixtri xi ħaġa ħalli nitrejjaq, lanqas żarbun għax kien tqatta' kompletament. Meta bdejt nitħassar lili nnifsi għax kont narani bla żarbun, b'kumbinazzjoni ltqajt ma' wieħed li kien bla saqajn u kien jiddependi minn ħaddieħor biex jiċċaqlaq minn post għall-ieħor. Aħjar mingħajr żarbun milli mingħajr saqajn.'' (*par. 6*)

Aħseb tajjeb fuqek innifsek u ħabbar dan lid-dinja, mhux b'vuċi għolja imma permezz ta' atti ta' mħabba li tagħmel ma' l-oħrajn. (*par. 7*)

(Addattament minn artiklu ta' Mary Carm Puli minn *Leħen is-Sewwa* – 2 t'April, 2005)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Għaliex Beethoven u Braille baqgħu maħbubin sa llum? ________________________________

_____________________________________________________________________________ (1)

2. *B'daqshekk x'ġara?* Fisser dan il-kliem b'riferenza għat-tieni paragrafu.____________________

_______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (2)

3. X'kien jiġri li kieku Beethoven u Braille kienu jobogħdu lilhom infushom minħabba d-diżabilita` tagħhom?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (1)

4. Fil-ħames paragrafu l-kittieba tagħti tliet pariri biex tħossok kuntent/a. Ikteb tnejn minnhom.

a) ______________________________________________________________________________

b) ______________________________________________________________________________ (2)

5. Għaliex Marcelle H. Alexander kiteb: *Aħjar mingħajr żarbun milli mingħajr saqajn* ? (*par. 6*)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (1)

6. Agħti eżempju ta' att ta' karita` li inti tista' tagħmel ma' xi ħadd. ___________________________

______________________________________________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (26 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

7. *Għax ħabbew lilhom infushom ...* (*par. 1*) Għal min qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fil-kelmiet

*lil***hom** *infus***hom**? ______________________________________________________ (1)

8. Il-frażi: *Il-kontribut tiegħek jista' jkun wisq akbar…*(*par. 3*)

tnissillek kuraġġ ☐ taqtagħlek qalbek ☐ (1)

9. Mill-ħames paragrafu ikteb żewġ kelmiet li juru l-pożittiv tal-ħajja.

_______________ _______________ (2)

10. Fis-sitt paragrafu nsibu kelma ripetuta tliet darbiet biex Alexander jenfasizza li ma kellu xejn.

Ikteb din il-kelma. _______________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

11. Fisser l-idjomi:

a) tbigħ is-saħħa (*par. 3*) ______________________________________________ (1)

b) Ma kellix saqaf fuq rasi (*par. 6*) ______________________________________ (1)

12. Agħti kelma/frażi minflok: *diżabilita`* (*par. 1*) - ________________________________

*tmajna* (*par. 6*) - _________________ *kompletament* (*par. 6*) - ___________________ (3)

## (iii) SINTASSI/SENTENZI

13. Ir-raba' paragrafu jibda bil-kelmiet: *Li kieku*. Ikteb sentenza billi tagħmel użu minn dawn iż-żewġ kelmiet. ______________________________

______________________________ (2)

14. Erġa' ikteb is-sentenza ta' paragrafu sebgħa billi tkompli: Il-kittieba qaltli biex naħseb tajjeb fuqi nnifsi u ______________________________

______________________________ (2)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 15 a) | *Nies kbar u magħrufa ( par. 1*)<br>Ikteb iż-żewġ aġġettivi f'din il-frażi. | ____________<br>____________ | (2) |
| b) | Agħti l-komparattiv ta': *kbir, sabiħ* | ________ ________ | (2) |
| 16 a) | Minn liema verb huwa mnissel in-nom *smigħ*? | ____________ | (1) |
| b) | Oħroġ nom minn: *tħobb* (*par. 3*)<br>*Tippruvax* (*par. 5*)<br>*nixtri (par. 6)* | ____________<br>____________<br>____________ | (3) |
| 17 a) | Mis-sitt paragrafu sib u ikteb nom fl-**għadd imtenni.** | ____________ | (1) |
| b) | Aqleb fil-**plural sħiħ**: *żmien* (*par. 6*) | ____________ | (1) |
| ċ) | Agħti l-**plural miksur** ta': *forma (par. 1*) | ____________ | (1) |
| 18 | Minn din il-kitba jien tgħallimt ħafna.<br>Aqleb il-verb fil-**plural**. | aħna ____________ | (1) |

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a) Fisser qwiel missirijietna.

i) Alla jagħti jew snien jew biskotti. = ________________________________________________ (1)

ii) Mhux kif tibda iżda kif tispiċċa jgħodd. = ______________________________________________

_____________________________________________________________________________(1)

b) Ikteb fil-vojt **idjoma b'kulur** minflok il-kliem fil-parentesi..

i) Karl kellu (qalbu mnikkta ħafna) _______________________ meta tilef it-tim li hu kien iżomm miegħu. (1)

ii) Kienet tidher li kellha qatgħa kbira fuqha għaliex saret (pallida ħafna) ____________________ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

F'madwar ħamsin kelma ikteb djalogu bejnek u l-ħabib/a dwar kif tistgħu tkunu ta' għajnuna għal ħaddieħor matul dawn il-vaganzi tas-sajf.

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR (6 marki)

Ikteb madwar ħamsin kelma dwar suġġett li ħadt gost tfittex dwaru għall-proġett tiegħek.

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________

______________________________________________________



## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 1 (14-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A. IL-BIKJA TAL-BUSKETT**
**ta' Oliver Friggieri**

Ħarruba xiħa qaltli
kif kibret u trabbiet,
u ftaħret kif minn fuqha
ġrew hienja ż-żminijiet:

1. Ikteb vers li juri personifikazzjoni.______________________ (1)

2. Il-versi ta' din il-kwartina huma versi tas-sebgħa u jissejħu ____________ (1)

3. Il-poeta fil-poeżija jgħid li daħal f'_______ meta mar f'dan il-post. (1)

4. Ikteb dwar dak li qalet il-ħarruba fil-poeżija f'madwar ħamsa u għoxrin kelma.

______________________ (5)

5. *Il-Ħolma T'Alla* ta' Anton Buttigieg hija wkoll poeżija dwar is-sabiħ ta' l-ambjent naturali li ħalaq Alla. Mis-silta irriga l-vers li jgħinna nidħlu f'din il-ħolma sabiħa. (1)

Għalhekk meta tmur timxi fil-kampanja, ftakar sewwa
illi qed timxi ġewwa l-ħolma t'Alla;
irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima

6. Semmi poeżija oħra (barra t-tnejn t'hawn fuq) li titkellem ukoll fuq is-sabiħ tan-natura Maltija.

______________________(1)

**B**. **Aktar Nadriet Poetiċi**

| |
|---|
| *Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg. |

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u għid għaliex għażilt lilha. Ikteb dwar il-messaġġ tal-poeta f'madwar għoxrin kelma.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (4)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (16-il marka)

Wieġeb **A, B, Ċ**

**A**. **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

Imla l-vojt.

1. L-omm qalet lil Ruben li s-santa taċ-ċikwejra kienet turi lil Ġesu` ________________________
   meta fil-fatt kienet turi lil Ġesu` ______________________________________________ (2)
2. F'*In-Niżla Tal-Ganċ* l-irġiel baqgħu mistagħġba meta lill-ajk rawh ________________________
   ______________________________________________________________________________ (1)
3. F'*Il-Ħamiem Tal-Barumbara* t-tifel kien jieħu l-ħamiem f'raħal jew fuq xi għolja biex _______
   ______________________________________________________________________________(1)

**B**. **Stejjer tal-Linka** – Sedqa (6 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar erbgħin kelma**.**

Fil-kitba *L-iskola,* it-tifla kif kienet tħares lejn l-iskola?

**JEW**

Ikteb dwar it-tfulija kif ħariġha l-awtur fir-rapport *Bil-ħarqa u bil-limousine.*

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**Ċ. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (6 marki)

Ikteb madwar ħamsin kelma.

Irrakkonta dwar il-laqgħa li kellhom it-tfal meta marru Buġibba u ltaqgħu ma' Jeħuda u Risk u dawn it-tnejn kellmuhom dwar il-passat u l-futur u dwar l-esperjenza ta' wieħed li jgħaddi miċ-ċpar.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Irrakkonta paġna mid-djarju tiegħek.
2. Immaġina li inti ktieb mimli noti u għalhekk inti importanti għall-eżami iżda sidek/sidtek tilfek/tilfitek. Irrakkonta ġrajjietek.
3. Qattajt tmiem il-ġimgħa għand iz-zijiet.
4. Il-ġimgħa tal-festa tar-raħal/belt tiegħi.
5. Dan is-sajf nixtieq... (kompli)